**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 422/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**David Muscat**

Illum, 31 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, David Muscat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 260370(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi ġranet fix-xahar ta' Jannar 2022:

1. Uża kwalunkwe kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew eżebixxa xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibgħeda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, eta', diżabilita', reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibgħeda;
2. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew għamel użu mhux xieraq bih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru 2022, fejn il-Qorti ddikjarat lil David Muscat mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u lliberatu mill-istess.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u minflok issib lill-imputat appellat ħati (i) tal-ewwel u (ii) tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u sussegwentement tgħaddi sabiex timponi piena ai termini tal-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Avukat Ġenerali jressaq aggravju uniku u ċioe' li l-Ewwel Qorti bbazat id-deċiżjoni tagħha fuq interpretazzjoni zbaljata tal-liġi u dan għaliex, fil-fehma tiegħu, l-appellat kellu jkun konxju illi bil-kummenti minnu magħmula fuq il-*Facebook posts* mertu ta' dawn il-proċeduri, partikolarment f'mument meta kien hemm rabja u furur f'każ tassew makabru, u tenut kont ukoll tal-vokazzjoni tiegħu bħala qassis, illi kien ser joħloq kontroversja u offiża bil-kliem li huwa għażel li juża biex jesprimi l-opinjoni tiegħu. L-Avukat Ġenerali jkompli jikkontendi li bil-kliem li l-appellat għazel li juża fil-konfront tan-nies li għandhom orjentazzjoni sesswali differenti, huwa kien qed joħloq il-probabbilita' li titqajjem il-vjolenza jew mibgħeda msemmija fil-liġi.

Illi l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta'l-appellat huma imsejsa fuq zewġ kummenti ili huwa kiteb fuq il-paġna tiegħu fuq il-pjattaforma soċjali tal-*Facebook*, liema kummenti kienu marbuta ma' kawża kriminali pendenti fil-konfront ta' ċertu

Abner Aquilina, mixli bl-omiċidju ta' Pauline Dembska, u l-orjentazzjoni sesswali ta'l-imsemmi akkużat. Dawn il-kummenti jaqraw hekk:–

> **"... jekk kellu xi gayyagni jew bissesswalita allura din disordni oħra mizjuda fuq l-iskizofrenija u l-effett malefiku. Ricetta ta' dizordnijiet f'daqqa miskin. Bħal xi ħadd li jkollu pressjoni għolja, zokkor u cancer f'daqqa. Taħlita miċidjali. Jeħtieġ l-għajnuna Abner. L-inqas gravi il-possessjoni ... il-gayyagni għar...**
>
> **... u xi ngħidu għal dan qiesu ġej dritt mil Gay pride b'dik il-qawsalla? Ħa nara min ħa jibda ..."**

Illi fil-verbal tas-seduta datata 28 ta' Jannar 2022, hemm ivverbalizat li "**Filwaqt li l-akkuża hija ikkontestata, id-difiza pero' ma tikkontestax il-fatt li kien propju Fr. David Muscat li kiteb u għalhekk hu responsabbli għall-dak il-bran miktub minnu mertu ta' din il-kawza**", biex b'hekk kellu jkun stabbilit mill-Ewwel Qorti jekk il-kummenti miktuba mill-appellat kenux jinkwadraw rwieħhom fir-reati lilu addebitati, bl-Ewwel Qorti tgħaddi biex tillibera lill-appellat u dan għaliex, fil-fehma tagħha, mid-diċitura tal-kliem adoperat ma kenux jissussiti l-estremi tar-reat hekk imsejjaħ "*hate speech*".

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellat huwa kien mixli bir-reat imfassal fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:–

> **Kull min juża kwalunkwe kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, età, diżabilità, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda, għandu jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax(18)-il xahar ...**

Illi minn ħarsa lejn is-sentenza appellata, jirrizulta li l-Ewwel Qorti rriteniet li l-appellat ma kellux l-element intenzjonali sabiex jissussisti r-reat appena ċitat. L-istess Qorti stqarret hekk:–

**"Naturalment wieħed jifhem u japprezza li intervent bħal dak magħmul minn David Muscat, qassis, permezz ta' dak il-post, kien ser ikun intervent li joħloq kontroversja u li kien zgur ser jattira reazzjonijiet varji, fosthom ta' kundanna u ta' stmerrija, reazzjonijiet ilkoll leġittimi. Ħafna u ħafna, bir-raġun, ippretendew aħjar minn qassis. M'hemmx dubbju li b'dak li qal, l-imputat, speċjalment meta huwa qassis, naqas serjament mir-rispett u s-sensitivita' li jistħoqqlu kull persuna jew grupp ta' persuni, 'identifikati minnu bħala li għandhom id-dizordni gayyaġni'. Izda dan kollu ma għandhux jinfluwixxi fuq li tgħid u trid il-Liġi permezz tal-Artikolu 82A(1) tal-Kap. 9. Kif ġia ġie aċċenat aktar 'l fuq, l-imputat kien indiċenti fi kliemu, izda dan ma ammontax għal mibgħeda jew vjolenza, jew il-probabilita' tagħhom."**

Issa il-kliem adoperat mill-appellat fil-kitba tiegħu isib fil-mira tiegħu persuni ta' orjentazzjoni sesswali omosesswali u bisesswali. Lil dawn in-nies l-appellat iqiegħdhom fl-istess keffa ma' persuni li qegħdin ibatu minn xi marda/diżordni kemm mentali kif ukoll fiżika, oltre li jimplika li l-persuni li għandhom orjentazzjoni sesswali omosesswali huma saħansitra agħar minn dawk il-persuni li huma 'ippussessati mix-xitan'. Huwa indubitat illi dan huwa kliem li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' 'kliem insolenti' ikkontemplat fl-artikolu 82A hawn fuq iċċitat. Illi madanakollu ġaldarba fil-fehma tal-Ewwel Qorti l-appellat meta kiteb dan id-diskors ma kellux l-intenzjoni kriminuża meħtieġa sabiex jissussisti r-reat, kwindi għaddiet biex tilliberah, kif ingħad.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa proprju hawn fejn errat l-Ewwel Qorti. Dan għaliex mhuwiex neċessarju illi l-kitba stampata issir bl-intenzjoni speċifika li tqanqal mibegħda jew vjolenza, iżda jekk tali kitba meħuda fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ toħloq il-probabbilita' li tqajjem tali mibegħda, bil-leġislatur jadopera il-kliem "**jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda",** allura ir-reat jissussiti. Kien hekk deċiż:

**"Huwa bizzejjed li jkun hemm il-probabilita". Din il-kelma ghandha nozzjoni differenti minn dik tac-'certezza'. Terga' u tghid, il-kelma 'probabilita' ghandha konnotati ferm inqas qawwija mill-frazi 'beyond a reasonable doubt.' Huwa bizzejjed dak ic-cans li tinholoq mibeghda razzjali bil-kliem li jinghad biex ikun soddisfatt dan l-element.**

**Fl-ahharnett l-istess artikolu jinkludi l-frazi 'meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha'. Il-Qorti qed tiddeciedi li jezistu cirkostanzi fid-diskors**

**li jaghtu sinjal car ta' fejn ried jasal il-kelliem. Din hija kwistjoni ta' mhux biss x' intqal, fejn intqal izda ta' kif intqal specjalment meta wiehed jisma' – flok jaqra – id-diskors. Ma' dan ghandu tizdied il-probabilita' tad-diffuzjoni estensiva permezz tal-internet.[1]"**

Illi ċ-ċirkostanzi li huma fil-qofol tal-kummenti miktuba mill-appellat saru f'kuntest ta' diskussjoni dwar reat ta' omiċidju makabru li kien seħħ proprju f'dak iż-żmien, fejn kien mixli ċertu Abner Aquilina bil-kummissjoni ta'l-istess. Mhux biss l-appellat, li *del resto* huwa qassis, mingħajr ma kien involut fil-każ, kien qed jakkolla aġġettivi u kundizzjonijiet mediċi fuq persuna li lanqas biss kien jafu, iżda kien qed iqabbel kif ingħad persuni b'orjentazzjoni sesswali omossesswali u/jew bisesswali ma' nies li ibatu minn xi mard, u agħar minn hekk, ma nies imxajtna. L-appellat għalhekk messu kien jaf illi tali diskors kien perikoluż u seta' min-natura tiegħu iqanqal sens ta' disprezz u mibegħda fil-konfront ta' ċertu persuni mhux biss dawk li għandhom orjentazzjoni sesswali omosesswali u/jew bisesswali, kif inghad, iżda ukoll dawk li ibatu minn xi diżordni jew mard mentali.

Illi f'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta li kienet titratta vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, llum abrogat, iżda li, fl-essenza tiegħu, kien jitratta reat analogu dwar kliem ta' mibegħda f'kitba stampata, ngħad hekk dwar l-element intenzjonali f'dawn it-tip ta' reati:

**" ... ma jirrikjedix li min ikun kiteb jew ippublika xi kliem dispreggjattiv, abbusiv jew insulenti ikollu "l-intenzjoni" li jinsulta jew li jesponi ghal disprezz lil xi persuna jew grupp ta' persuni minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-istess disposizzjoni; kif diga' nghad, huwa bizzejjed jekk dak li jkun gie stampat (jew dak li jkun gie mxandar, skond il-kaz) <u>ikun minnu nnifsu jtendi li hekk jinsulta jew jesponi ghal disprezz</u>. Jigifieri jekk, bhala fatt, meta qarrej ta' intelligenza ordinarja jaqra li c-chat f'dan il-kaz, dak il-qarrej tista' tonqoslu f'mohhu l-istima ghal dik il-persuna jew ghal dak il-grupp ta' persuni minhabba dak li jkun qara dwar dik il-persuna jew dak il-grupp, allura f'dak il-kaz ikun hemm ir-reat. Biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni hu evidenti li trid taqara l-artiklu kollu kemm hu biex tara dan, kollu kemm hu jew partijiet minnu, x'impatt jista' jhalli fuq il-qarrej ta' intelligenza ordinarja. L-ezercizju, ghalhekk, irid isir principalment mill-qorti, u mhux mehtieg li jingiebu persuni bhala xhieda**

[1] App.Krim – Il-Pulizija vs Norman Lowell deċiża 15/07/2013

> **biex jghidu huma x'fehmu jew ghal liema konkluzjoni waslu ghaliha wara li qraw l-artiklu.[2] "**

Illi, l-istess jista' jingħad fir-rigward tar-reat maħsub fl-artikolu 82A, u dan għaliex l-liġi ma tinneċċessitax li l-awtur tar-reat ikollu l-ħsieb li iqanqal dik il-mibegħda jew vjolenza, iżda huwa biżżejjed illi l-kitba tiegħu fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ turi li tintendi tagħmel dan, anke jekk ma kienx hemm il-ħsieb espress li hekk iseħħ fil-mument tal-kitba tiegħu. Dina l-Qorti hija konvinta moralment li l-kliem miktub mill-appellat huma dispreġjattivi għall-aħħar fil-konfront ta' persuni li huma omosesswali jew bisesswali, u anke fil-konfront ta' min hu marid minn mard mentali, u li l-appellat konxjament kiteb dawn il-kliem sabiex jimplika disprezz lejn nies ta' orjentazzjoni sesswali omosesswali u/jew bisesswali u nies li ibatu minn mard mentali, bit-tieni kumment imbagħad indikattiv ferm ta' din l-intenzjoni fil-kitba tiegħu meta jimplika disprezz lejn dawk il-persuni li jifformaw parti mill-komunita' LGBTIQ, u dan meta ppowstja ritratt bil-kulur tal-persuna li dwaru kien qed jinkiteb il-kumment libes T-shirt ikkulurit u l-kumment warajh "***U xi ngħidu għal dan qiesu ġej dritt mill Gay Pride b dik il qawsalla? Ħa nara min ħa jibda ….***". Dan b'referenza ċara għal Abner Aquilina, persuna akkużata propju b'omiċidju, kumment miktub f'kuntest u żmien meta kien hawn għagħa fil-pajjiż minħabba n-natura makabra li bih kien kommess ir-reat. M'hemmx dubbju illi kliem l-appellat kellhom, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-probabbilita' li joħolqu tali disprezz, bil-Qorti hija moralment konvinta illi meta l-appellat kien qed jikteb il-kummenti tiegħu kien jaf l-implikazzjonijiet tal-kitba tiegħu u li tali diskors seta' kien wieħed li joħloq kontroversja.

Ghalhekk magħmula dawn il-konsiderazzjoni l-Qorti temmen li r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali jissussisti fil-konfront tal-appellat. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment tgħaddi sabiex tillibera l-appellat mill-istess.

---

[2] App.Krim – Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti et. deċiża 07/11/2003

Illi, magħdud dan kollu, isegwi ukoll li l-appellat kellu jinstab ħati ukoll tat-tieni mputazzjoni dedotta kontrih, u ċioe' li għamel uzu mhux xieraq ta' apparat elettroniku.

> **"Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis*, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. ..... Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.[3]"**

Huwa inkontestat li kien l-appellat li kiteb il-kliem dispreġjattiv tramite' il-paġna tiegħu tal-*Facebook*, liema kliem kienu insolenti li setgħu joħolqu mibegħda u/jew disprezz fil-qarrejja, kif ingħad.

Finalment il-Qorti ma tistax ma tosservax illi għalkemm il-leġislatur ma ħaseb għall-ebda aggravanti għal dan ir-reat, madanakollu meta il-persuna li tkun qed tikteb il-kumment ikollha influwenza ikbar fuq is-soċjeta in ġenerali minħabba l-kariga jew professjoni li tkun tokkupa, jew inkella meta jkollha vokazzjoni reliġjuża li tgħallem it-tolleranza, ċertament li l-kitba tħalli impatt akbar u jista' jkollha implikazzjonijiet wiesgħa u iktar serji, u dan għaliex in-numru ta' segwaċi ikun wieħed numeruż, bil-Qorti temmen għalhekk, illi f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa evidenti illi l-kitba issir intenzjonalment biex tħalli effett akbar u iktar b'saħħtu.

Għalhekk, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali tgħaddi għalhekk sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li rat l-Artikolu 17(h) u 82A tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil appellat David Muscat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundanah għall-perijodu ta' sitt xhur (6) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-**

---

[3]App.Inf. Il-Pulizija vs Alfred Grech deciza 19/07/2013 App. Nru.344/2012

**artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-perijodu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien sentejn (2) mil-lum.**

**Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**